**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Frar 2021**

**Rik. Gur. Nru: 2/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**SF**

**Vs**

**U b'digriet tas-17 ta' Jannar 2019, gew nominati Dr Leontine Calleja u PL Helen Valenzia bhala Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti MS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SF datat 3 ta' Frar 2020, a fol 45 et seq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewget ma' MS fit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fir-Registru Pubbliku ta' Malta u z-zwieg taghhom huwa rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni X certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

*Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu de facto separatament ghal aktar minn erba' snin u cioe mis-sena elfejn u tnejn (2002);*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghall-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom dawn l-ahhar tmintax –il sena jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-esponenti ma tippretendi l-ebda manteniment minghand l-intimat;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mill-kawza ta' separazzjoni sabiex bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Att fuq id-Divorzju tholl iz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

Rat ir-risposta tal-Avv. Leontine Calleja u P.L. Helen Valenzia datata 24 ta'Frar 2020 a fol 30 et seq. tal-process ghar-rikors datat 3 ta' Frar 2020 tal-attrici:

*Illi hija l-attrici li ghandha tipprova illi tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju u ghalhekk l-esponenti jirimettu ruhhom ghas-salv gudizzju tal-Onorabbli Qorti.*

Semghet ix-xhiedha bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghat it-trattazzjoni;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti ghandha quddiemha rikjesta sabiex mat-talba ta' separazzjoni bejn il-partijiet issir talba ta' divorzju u dan ai termini tal-artikolu 66(F) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta li jipprovdi kif segwenti:

> ***(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.***
>
> ***(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma'kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju.***
>
> ***(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet.***

***(4) Kull parti, meta tagħmel talba għad-divorzju, għandha tiddikjara bil-ġurament tagħha jekk dik il-parti jew il-parti l-oħra jkunux diġà għamlu talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu.***

Il-Qorti tosserva illi skond l-artikolu 66(F)(3) il-partijiet f'kawża ta' separazzjoni, jistghu f'kull waqt matul dik il-kawża, jaghmlu talba permezz ta' rikors ghall-pronunzjament ta' divorzju diment li tali talba ssir qabel ma l-kawza tigi mhollija ghas-sentenza. Meta ssir talba a tenur tal-artiklu 66(F) tal- Kap 16, il-Qorti adita mill-proceduri originali ta' separazzjoni ghandha tisma lill-partijiet sabiex tikkonstata jekk effettivament il-kundizzjonijiet mahsuba fl-artikolu 66B humiex soddisfacentement ippruvati. Is-sub inciz (2) tal-artikolu 66(F) jipprovdi illi kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis ghat-talba ghad-divorzju u dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju.

L-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza specifika ghal subartikolu (c) li jelenka r-rekwiziti ghall-ottjeniment ta' divorzju u cioe', il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

***(a) Fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u***

***(c) Il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkustanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57.***

Dak li jrid jigi deciz f'dana l-istadju huwa jekk jikkonkorru ir-rekwiziti necessarji ghall-ghoti tad-divorzju sabiex mal-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet tkun tista' ssir it-talba ghad-divorzju.

Il-Qorti tosserva illi mix-xhieda sa issa prodotta jirrizulta li jidher li prima facie jissussistu ir-rekwiziti necessarji sabiex din il-Qorti tiddelibera dwar l-ghotja tad-divorzju bejn il-kontendenti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tordna li mat-talba taghha ghas-separazzjoni maghmula fil-kawza odjerna issir ukoll talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**